**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 128/97

Mario Vella

vs

Direttur ta' l-Edukazzjoni u Direttur tax-Xoghol li gie kjamat fir-rikors b` digriet tal-23 ta` Marzu, 2000.

Illum 2 ta` Novembru, 2000.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz ghall-habta ta' 1990 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjoni.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor illi r-rikorrent kien jahdem bhala General Hand mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni izda qatt ma kien ghamel dan ix-xoghol ghax dejjem hadem bhala supervisor fuq madwar 45 persuna.

Illi nonostante dan kollu, huwa qatt ma nghata promozzjoni taht gvern Nazzjonalista minhabba l-kulur politiku tieghu ghalkemm huwa baqa' jigi mfahhar mis-superjuri tieghu ghax-xoghol siewi li kien jaghmel.

Illi ghalhekk huwa kien bi hsiebu jsostni l-ilment tieghu bix-xhieda indikati fir-rikors biex jipprova il-kaz tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li dan it-Tribunal jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li jinghata dik il-promozzjoni li kien haqqu b'lura, jew jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' dawk il-flus kollha li ir-rikorrent tilef meta ma nghatax dik il-promozzjoni.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

Ra r-risposta tal-Agent Direttur Generali ta' l-Edukazzjoni li eccepixxa:

Illi l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ghandha tkun kjamata fil-kawza galadarba r-rikorrent qed jillamenta dwar kwistjoni ta' promozzjoni.

Illi d-Direttur tal-Labour ghandu jkun kjamat fil-kawza galadarba r-rikorrent qed jillamenta dwar promozzjoni fiz-zmien li huwa kien membru ta' l-iskema Auxiliary Workers Training Scheme.

Illi s-Sur Mario Vella membru fl-iskema AWTS assenjat mal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni bejn it-23 ta' Mejju 1988 u l-31 ta' Dicembru 1991. Dokument A1.

Illi din l-iskema ma kienetx kunsidrata bhala mpjieg regolari fis-Servizz Pubbliku.

Illi s-Sur Mario Vella (ID771055M) gie mahtur fi Grupp A fis-Servizz Pubbliku b'sehh mill-1 ta' Jannar 1992. Dokument A2.

Illi l-promozzjonijiet jinghataw wara sejha ghall-applikazzjoni u process tal-ghazla li jsir mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Illi l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fl-1990 processat sejha ghall-applikazzjonijiet ghal numru ta' postijiet fil-Gruppi Industrijali B,C, u D u fost il-grupp D kien hemm postijiet ta' Supervisor - Dok B1, B2, B3 u B4.

Illi s-Sur Vella ma setax japplika ghax kien ghadu ma hax il-hatra ta' Grupp A u ghaldaqstant lanqas ma setgha jinghata l-hatra ta' supervisor.

Ghaldaqstant l-intimat sostna li dan t-Tribunal ghandu jichad it-talbiet tar-rikorrent bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra r-risposta tad-Direttur tax-Xogholijiet li eccepixxa:

**1.** Illi primarjament jigi ndikat illi l-kontenut tar-rikors promotorju ma hux cara b'konsegwenza illi ma hemmx indikazzjoni ghall-liema promozzjonijiet qieghed jirreferi u ghaldaqstant ghandu jispecifika.

**2.** Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda stante illi minn imkien ma jirrizulta illi fil-perjodu ndikat mir-rikorrenti hargu xi sejhiet sabiex impjegati fi hdan l-awziljarji jimlew xi vakanzi u dan kif jigi pruvat f'aktar dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

**3.** Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost ma jirrizulta minn imkien illi r-rikorrenti sa qabel Jannar 1991 kien jokkupa xi kariga ta' Supervisor.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema` lix-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li huwa kien membru ta' l-iskema AWTS fejn kien assenjat mal-Ministeru ta' l-

Edukazzjoni bejn Mejju 1988 u 31 ta' Dicembru 1991. Semma li kien jinghata x-xoghol ta' responsabbilita' ikluz dak ta' foreman fi hdan id-Dipartiment inkluz xoghol ta' supervizjoni fuq restawr ta' swar, tindif ta' gonna pubblici, toroq u roundabouts inkluz it-tindif taghhom u hafna xoghol iehor fosthom manutenzjoni ta' bankini u fl-iskejjel. Zied li gie mahtur fi gruppA fis-servizz Pubbliku b'sehh mill-1 ta' Jannar 1992 u baqa' jinghata xorta wahda xoghol ta' foreman u supervisor u ghadu hekk sal-lum izda qatt ma gie moghti xi promozzjoni ohra. Irrefera ghal fatt li kien assenjat jaghmel xoghol "to perform duties of supervisor" kif jindika id-dokument tal-5 ta' Frar, 1997.

Fid-19 ta' Mejju, 1998 it-Tribunal ordna lir-rikorrent biex jindika ghall-liema promozzjonijiet kien qieghed jirreferi, izda r-rikorrent qatt ma ghamel dan. Permezz ta' nota tal-5 ta' Gunju, 1998 semma li kien moghti responsabbilta' ta' xoghol ta' supervisor mill-1990 u kien ikollu tahtu xi hamsin ruh izda baqa' ma giex moghti promozzjoni ta' supervisor.

George Debattista semma x-xoghol li sar fil-Birgu u li hu bhala Works Manager fil-Public Works Department kien jaghti ordnijiet lir-rikorrent li kellu bejn 35 u 60 ruh mieghu. Semma li r-rikorrent kellu l-kariga ta' Acting Supervisor ghalkemm qatt ma thallas ta' hekk. Fahhar hafna x-xoghol tar-rikorrent u semma kemm kellu dixxiplina fuq l-impjegati l-ohra. Silvio Scerri li kien Segretarju Privat tal-Ministru tal-Edukazzjoni semma li r-rikorrent kien in charge mill-haddiema li kienu qedghin jiehdu hsieb ix-xogholijiet fil-Birgu. Galea Curmi semma li hu Segretarju fil-Ministeru tal-

Edukazzjoni u li fit-22 ta' Marzu 1990 kienet harget sejha fil-Ministeru tal-Edukazzjoni biex jimtlew gruppi industrijali B, C, u D. In-nies li setghu japplikaw ghal din is-sejha riedu jkunu nies impjegati regolarment mal-Gvern. Mario Cacciotolo ikkonferma l-kontenut tar-risposta tad-Direttur tal-Edukazzjoni, fil-waqt li Mario Caruana – Principal Officer fid-Dipartiment tax-Xoghol – ikkonferma l-esattezza tar-risposta tad-Direttur tax-Xoghol.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent f'ebda hin ma indika ghall-liema promozzjoni kien qieghed jirreferixxi meta ghamel l-ilment tieghu. L-unika promozzjoni li kienet b'xi mod vicina ghar-rikorrent kienet dik imsemmija minn Galea Curmi tat-22 ta' Marzu, 1990 izda din kienet applikabbli ghal nies tal-Gvern u r-rikorrent kien gie mahtur fi Grupp A fis-Servizz Pubbliku fl-1 ta' Jannar, 1992, u ghalhekk lanqas biss setgha japplika. Ghalhekk certament dan it-tribunal ma jistax isib xi ingustizzja dwar promozzjonijiet.

Izda r-rikorrent jilmenta wkoll mill-fatt li bejn 1990 u 1996 ghamel xoghol ta' Supervisor u ma thallasx ghalih. Huwa car li persuna ghandha tithallas tax-xoghol li taghmel. Hi ghandha tithallas skond il-livell u d-diffikultajiet tax-xoghol partikolari li taghmel. Wiehed jistenna wkoll li talli ghal zmien limitat jekk persuna taghmel xoghol superjuri ma ghandix tippretendi xi kumpens ghalih. Izda meta dan idum seba' snin hu gustifikat li wiehed jaghmel xoghol superjuri ghal grad tieghu u jibqa' minghajr promozzjoni u minghajr kumpens!

Dan it-Tribunal hu tal fehma li r-rikorrent ma ghandux d-dritt ghall-promozzjoni izda hu gustifikat li fic-cirkostanzi tal-kaz minhabba li dam ghal zmien twil jaghmel xoghol superjuri ghandu jigi kumpensat. Ghalhekk fil-waqt li jilqa' l-eccezzjoni tal-intimati dwar in-nuqqas ta' gustifikazzjoni tar-rikorrent ghall-promozzjoni, jilqa' t-talba tar-rikorrent ghal kumpens u wara li qis ic-cirkostanzi kollha jiffissa dan fl-ammont ta' elfejn lira.

Spejjez kontra l-intimati.